**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija llum, il-Ħamis, dsatax (19) ta' Ġunju 2025

Kawża Nru 25/2025

**Ir-Repubblika ta' Malta**
***(Avukat Tilden Tabone)***
***(Spettur Keith Xerri)***

**Vs**

**Mohamed Khalil Said Ibrahim**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Mohamed Khalil Said Ibrahim**, iben Khalil u Fatima Ahmed, imwieled Chad il-Libya nhar l-ewwel (1) ta' Jannar 1988 u residenti ġewwa 17B, Triq Gedrin, Rabat, Għawdex, detentur tal-permess ta' residenza Malti bin-numru 0118237(A) talli nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' April tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) bejn il-ħdax ta' filgħodu

(11:00hrs) u is-siegħa ta' wara nofsinhar (13:00hrs) minn ġewwa l-ħanut 'Izibet' situwat ġewwa Triq il-Qbajjar, Zebbug, Għawdex u/jew f'dawn il-gżejjer Maltin:

(1) ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-**valur**, liema valur tal-ħaġa misruqa huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma huwiex aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin centezmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment **Joseph Vella** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

(2) u aktar talli meta kkommetta r-reat hawn fuq imsemmi, kkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, liema sentenza ingħatat mill-Maġistrat Dr Jean Paul Grech datata nhar it-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba li titratta mal-akkużat bħala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati mill-Qrati ta' Malta u/jew Għawdex, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjoni tal-artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

F’każ ta’ ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti ġiet gentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

F’każ ta’ ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Uffiċjal Prosekutur;

Rat li fis-seduta tal-għaxra (10) ta’ Ġunju 2025, l-Uffiċjali Prosekuturi irtiraw l-akkuża relattiva għar-riċediva bbażata fuq l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat li fis-seduta tal-għaxra (10) ta’ Ġunju 2025 l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta’ din l-ammissjoni, il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ tali ammissjoni u tatu żmien xieraq sabiex jerġa’ jikkunsidra mill-ġdid l-ammissjoni tiegħu;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu fl-istess seduta tal-għaxra (10) ta’ Ġunju 2025 wara li reġa’ ikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u dan wara li ingħata żmien adegwat għal dan l-iskop;

Rat li ma teżisti l-ebda raġuni tajba in linea ma’ dak stabbilit fl-artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta biex il-Qorti tiddubita jekk ir-reati

ġewx tassew magħmula jew tiddubita jekk l-akkużat hux ħati tar-reati addebitati lilu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jittrattaw fuq il-piena;

Rat li l-kawża ġiet differita llum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma brevement is-segwenti: nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' April 2025, Joseph Vella irrapporta fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex li waqt li huwa kien qiegħed fl-istabbiliment "Izibet" fi Triq il-Qbajjar, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex aktar kmieni f'dik il-ġurnata kienet insterqitlu l-kartiera. Minn verifiki li għamlu l-Pulizija minn fuq is-CCTV cameras li kien hemm fl-istabbiliment irriżulta li l-kartiera tal-parte civile kienet insterqet minn raġel li aktar tard ġie identifikat bħala l-akkużat f'dawn il-proċeduri. Il-Pulizija ottjenew il-ħruġ ta' mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront tal-akkużat mingħand il-Maġistrat tal-Għassa u rnexxielhom jirrintraċċawh f'residenza fir-Rabat, Għawdex fejn hemmhekk huwa ġie arrestat. Eventwalment huwa tressaq il-Qorti sabiex jiffaċċja l-akkużi odjerni;

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu.

Għall-fini ta' piena **<u>għal dan ir-reat</u>**, il-Qorti sejra tieħu in kunsiderazzjoni s-segwenti:

(a) il-fatt li l-akkużat ammetta l-akkużi mal-ewwel opportunita li huwa kellu;
(b) kif rilevat mid-difiża fis-sottomissjonijiet tagħha, l-akkużat għandu problema tax-xorb li qed tikkaġunalu problemi mal-ġustizzja u għandu bżonn l-għajnuna;
(c) kif rilevat mill-Avukat Ġenerali fis-sottomissjonijiet tiegħu dwar il-piena, għalkemm l-akkużat mhuwiex *a first time offender* hekk kif konfermat mill-fedina penali tiegħu, lanqas jista' jingħad li sa dan l-istadju l-akkużat taha għall-ħajja ta' kriminalita;
(d) fl-istess sottomissjonijiet l-Avukat Ġenerali ma insistiex fuq piena karċerarja.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti sejra tagħti l-aħħar opportunita lill-akkużat biex jirriforma ruħu u dan billi tpoġġieh taħt ordni ta' Probation għal perijodu massimu li tistabilixxi l-liġi flimkien ma' ordni ta' trattament biex tgħinu jegħleb il-vizzju tax-xorb. Apparti minn hekk, il-Qorti sejra tagħmel ordni a tenur tal-artikolu 24 tal-Kap. 446 sabiex l-akkużat iħallas l-ammont misruq lill-parte civile.

In oltre l-Qorti trid wkoll titratta mal-akkużat għall-fatt li huwa ikkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perijodu operattiv ta' ordni għal-liberazzjoni kondizzjonata, liema ordni kienet imposta permezz ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif preseduta fit-tnax (12) ta' Marzu 2025. Il-Qorti sejra għalhekk teroga piena għal dan ir-reat li kien instab ħati tiegħu fit-tnax (12) ta' Marzu 2025.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(ċ), 267, u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tiegħu stess, **<u>qiegħda ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.</u>**

In kwantu għall-piena li għanda tiġi inflitta fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif elaborat aktar 'l fuq f'din is-sentenza, il-Qorti hija tal-fehma li jeżistu ċ-ċirkustanzi meħtieġa u msemmija fl-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-ħati jitqiegħed taħt ordni ta' *probation*.

Għalhekk il-Qorti qiegħda tpoġġi lill-ħati **<u>Mohammed Khalil Said Ibrahim</u>** taħt Ordni ta' *Probation* għal **<u>perijodu ta' tliet snin</u>** mil-lum b'dan li għal dan l-iskop qiegħda tordna li l-istess **<u>Mohammed Khalil Said Ibrahim</u>** jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal tal-*Probation* indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation u Parole*, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lil **<u>Mohammed Khalil Said Ibrahim</u>** bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' *probation* kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' *probation*, tista' tingħata sentenza għar-reati li tagħhom

instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas ta' adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' *probation* bid-digriet tal-lum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation u Parole* sabiex jassenja Uffiċjal tal-*Probation* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' **Mohammed Khalil Said Ibrahim**.

L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati **kull sitt (6) xhur**.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 24 tal-Kap. 446 qiegħda **tordna lill-ħati sabiex fi żmien sittin (60) jum mil-lum huwa jħallas lid-derubat Joseph Vella l-ammont ta' erba' mitt ewro (€ 400)** rappreżentanti l-ammont li huwa seraq mingħand l-istess Joseph Vella. Din l-ordni għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi senjatament tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bħal li kieku kienet sentenza mogħtija minn Qorti Ċivili jew Tribunal kompetenti.

Il-Qorti tagħmilha ċara wkoll lill-ħati li l-obbligu ta' ħlas huwa wkoll inkluż fid-digriet li bih il-ħati qiegħed jitqiegħed taħt ordni ta' probation u għalhekk jekk il-ħati mhux sejjer iħallas l-ammont dovut minnu lil Joseph Vella entro t-terminu mogħti hekk kif ordnat permezz ta' din is-sentenza, huwa sejjer jkun qiegħed wkoll jikser l-ordni ta' probation magħmula illum. Dan bil-konsegwenzi kollha li tali ksur jista' jġib miegħu.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb id-diffikultajiet relatati mal-problema tal-abbuż tax-xorb, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament **<u>għal perijodu ta' tlett snin</u>** mil-lum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma' din is-sentenza, liema digriet għandu jitqies li jagħmel parti integrali ma' din is-sentenza.

Il-Qorti qiegħda tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Inoltre ġialadarba **<u>Mohammed Khalil Said Ibrahim</u>**, fuq ammissjoni tiegħu stess, qed jinstab ħati wkoll li ikkommetta reat ieħor punibbli bi priġunerija waqt perijodu operattiv ta' ordni għal-liberazzjoni kondizzjonata, il-Qorti sejra tittratta miegħu għal dan il-ksur.

Konsegwentement wara li rat l-artikoli 22 u 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li reġgħet rat l-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed titratta mal-ħati dwar l-imputazzjoni li tagħha instab ħati fit-tnax (12) ta' Marzu 2025 minn din il-Qorti kif preseduta, daqs li kieku għadu kemm ġie dikjarat ħati illum, u konsegwentement qed tikkonferma s-sejbien ta' ħtija kif jirriżulta minn dik l-imsemmija sentenza kif wkoll l-ordni ta' ħlas hemm magħmula u qiegħda tikkundannah **<u>għal sitt (6)</u>**

**<u>xhur priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qegħdin jiġu sospiżi għal żmien erba' (4) snin mil-lum</u>**.

A tenur tal-artikolu 28A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilita' tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

| | |
|---|---|
| **Dr. Jean Paul Grech** | **Joseph Grech** |
| **Maġistrat** | **Deputat Reġistratur** |